MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MILL-MFSA

## Wire Prepay - http://www.wireprepay.com/

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") hija konxja ta' entità li qed topera taħt l-isem **Wire Prepay**, liema entità hija magħrufa li għandha preżenza fuq l-*Internet* fuq **http://www.wireprepay.com/**. Din l-entità tgħid li hija 'kumpannija finanzjarja' awtorizzata li toffri *prepaid cards*, *credit cards* u *debit cards*, kif ukoll servizzi tal-ipproċessar ta' pagamenti u trasferimenti ta' flus. Il-websajt **http://www.wireprepay.com/** tindika indirizz fiżiku f'Malta li m'hux komplut u numru tat-telefon Malti bħala mezz ta' kuntatt.

L-MFSA tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku, f'Malta u barra minn Malta, illi l-entità fuq imsemmija **MHIX** kumpannija reġistrata f'Malta u **LANQAS** ma hi entità liċenzjata jew awtorizzata bi xi mod ieħor mill-MFSA biex tipprovdi kwalunkwe tip ta' servizz finanzjarju.

L-MFSA tixtieq tfakkar lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex ma jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji sakemm ma jkunux aċċertaw infushom li l-entità li magħha qed isir it-transazzjoni hija awtorizzata tipprovdi dawk is-servizzi mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji ta' reputazzjoni tajba.

Lista ta' entitajiet liċenzjati mill-MFSA hija disponibbli mingħand l-MFSA u tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit uffiċjali tal-MFSA fuq http://www.mfsa.com.mt/pages/licenceholders.aspx.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 04-2015**
**23 ta' Ġunju 2015**